MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF MICHAEL MALLIA

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2012

Appell Kriminali Numru. 471/2011

**Appell Nru: 471/2011**
**Il-Pulizija**
**Vs**
**Abdellah Berrad**

Illum 22 ta' Novembru, 2012

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-appellant Abdellah Berrad, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

Nhar l-14 ta' Frar, 2010 ghal habta ta' 01:00am gewwa B'Bugia minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja f'perikolu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Noel Theuma detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 31681(M) minn B'Bugia u dan skond kif iccertifika Dr.Anton Bugeja MD reg 2466 u dan ai terminu tal-artikolu 214 u 216(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Carmel Theuma detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 143549(M) minn

B’Bugia u dan skond kif iccertifikat Dr.Diana Balzan MD reg 2111.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Maria Carmena Theuma detentrici tal-karta bin-numru 624750(M) minn B’Bugia u dan skond kif iccertifika Dr.Anton Bugeja MD Reg. 2466.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebb ghall-istess persuna imsemmija sabiex ingurja, iddejjaq jew jaghmel xi hsara u dan bi ksur tal-artikolu 339(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b’ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi volontarjament ikkometta hsara fuq il-proprjeta’ “Casablanca Bar”, B’Bugia ta’ l-istess Noel Theuma.

Il-Qorti, giet gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta ta’ Noel Theuma sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reati hawn fuq addebitatati, torbot lill hati b’obbligazzjoni tieghu innfsu taht penali ta’ somma flus li tigi iffissata kif jidhrilha xieraq l-Qorti u dan ai terminu tal-artikolu 383(1), (2) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas- 7 ta’ Novembru, 2011 fejn l-Qorti fil-waqt li ma sabitx lill-limputat hati tas-sitt imputazzjoni migjuba kontra tieghu, illiberatu minnha u wara li rat l-artikoli 214, 216(1)(b), 221(1), 222A(1), 338(dd) u 339(1)(d) sabet lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn. In oltre b’applikazzjoni ta’l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u pprovdiet ghas-sigurta

ta’ Noel Thuema, Maria Carmela Thuema u Carmel Thuema u ghaz-zamma tal-bon ordni pubbliku rabtet lill-imputat ghal perjodu ta’ sena taht penali ta’ elfejn Euro (€2,000) li ma jdejjaqx u ma jimmolestax lill-imsemmija Noel Thuema, Maria Carmela Thuema u Carmel Thuema. Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss.

Rat ir-rikors tal-appellant Abdellah Berrad pprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar is-16 ta’ Novembru, 2011 li permezz tieghu talab lil din il-Qorti, tvarja u timmodifika s-sentenza appellata fis-sens illi fl-ewwel lok tikkonfermaha in kwantu ma sabitux hati tas-sitt akkuza dedotta kontra tieghu u fit-tieni lok, thassarha u tirrevokaha in kwantu sabitu hati tal-ewwel, it-tieni, t-tielet, ir-raba` u l-hames akkuza, u dan billi tillibera lill-imputat minn kull piena u imputazzjoni.
Fliet l-atti kollha processwali.
Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat, esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.
Rat l-aggravji tal-appellant Abdellah Berrad li huma is-segwenti :
1. Illi l-ewwel Qorti waslet ghall-konluzzjoni rtaghha li l-esponent kien hati tal-ewwel hames akkuzi stante li ma kellhiex ‘*dubbju li l-imputat ippartecipa fil-glieda li fiha spiccaw feruti l-membri tal-familja Theuma’*. Illi l-istess Qorti pero` ma taghti l-ebda spjegazzjoni gghala waslet ghal din il-konklzzjoni , li konkluzzjoni hija konfliggenti mad-dikjarazzjoni tal-istess Qorti f’ pagna 4 tal-istess sentenza u cioe` ‘*illi f’dan l-istadju ghandu jigi rilevat li hemm kunflitti evidenti fil-verzjonijiet moghtija mix-xhieda tal-prosekuzzjoni kif kontrastati mal-verzjonijuiet moghtija mill-imputat u x-xhieda tieghu ; <u>hemm ukoll xi divergenzi f’dak li jghidu whud mix-xhiueda mressqa mill-prosekuzzjoni’</u>* Illi r-rwol tal-esponent fil-glieda kollha kien biss dak ta’ vittma li gie aggredit u sofra anke ghu griehi fuq il-persuna tieghu.
Illi mill-provi jirrizulta illi l-esponent kien diehel, moghmi kif kien bl-ispray li sprejjalu Noel Theuma, fil-blokk tad-dar tieghu meta l-istess parte civili Noel Theuma mar fuqu u aggredieh. Illi fl-istat li kien l-esponent zgur li ma setghax

jikkawza l-feriti allegati mill-parte civile. In oltre jigi rilevat illi kif ammess mill-istess Pulizija fil-vicinanzi raw persuna ohra tahrab minn fuq il-post, liema persuna baqghat qatt ma giet maghrufa. Illi l-esponent jaghmel referenza wkoll ghax-xhieda ta' Carmelo Micallef li kien prezenti f'xi mumenti ta' dan l-incident, li jistqarr a *tempo vergine* l-esponent qallu *'Kont diehel u sprejjawli'.* (a fol 139) Illi din hija l-verzjoni tal-fatti li dejjem ta' l-espnent sa mill-bidu ta' dan l-incident, meta lanqas kien ghadu biss mitkellem mill-Pulizija. Illi anke fil-mument li waslu l-Pulizija fuq il-post, l-esponent mill-ewwel sostna li huwa kien aggredit u mhux agredixxa. (Deposizzjoni ta' PS966 Raize Desira). Fil-fatt l-istess Surgent jixhed li lill-esponent sabu fil-bieb tal-flat tieghu mentri n-nies kien u qeghdin f' nofs it-triq minn fejn harbu zewg persuni ohra.

Illi l-esponent jgahmel referenza wkoll ghax-xheida ta' Maria Carmela Theuma u ghall-fatt li x-xhieda taghha u tal-parte civile l-ohrajn hija wahda koncentarata kpontra tieghu anke jekk fil-verita` hadd minnhom ma b'xi identifika lill-esponent bhala l-persuna li kkagunatilhom il-feriti. L-esponent bizzejjed jaghmel referenza ghal bran wiehed fejn tghid li l-esponent ried jidhol fil-bar biex it-tfajla teighu taghmel pipi ! (fol. 149). L-esponent hawnhekk jistaqsi 'Tista` din ix-xhud tigi emmnuta minn dina l-Onorabbli Qorti meta l-esponent joqghod propjament ftit passi 'l boghod mill-istess bar ?' Illi minn apprezzament tal-provi jirrizulta car illi x-xhieda moghtija mill-parte civile hija wahda fabbrikata biex jghattu l-ghemil ta' Noel Theuma li kien hu li mar biex jaggredixxi lill-esponent, u dan jaghmluh sabiex jahslu idejhom minn kwalunkwe responsabilita' biex b'hekk min veramnet kien vittma tal-aggressjoni taghhom jispicca akkuzat minflokhom. Illi tant Noel Theuma kien lest ghall-esponent li qabel l-istess esponent avvicina l-hanut, lil ommu qalilha '*dawn zgur se jaqalghu l-inkwiet'* u hareg u qabad u sprejja f'wicc l-esponent bla ebda raguni valida`. Illi dan jindika illi Noel Theuma f'mohhu kien diga` fformula pjan biex jehles mill-esponent lu dan billi attakkah bil-mod kif attakkah.

Illi minn qari tal-istatement a tempo vergine, u kif ukoll fil-kors tax-xhieda taghhom quddiem l-Ewwel Qorti, l-ebda wahda mill-parte civile ma indikat lill-esponent bhala l-

persuna li kkagunatilhom il-feriti li allegatament soffrew, u dan gustament ghaliex l-esponent ma kkawza l-ebda feriti fuq hadd izda kien hu li ssubixxa feriti fuq il-persuna tieghu. Illi jekk wiehed jara c-certifikat mediku Dok CC2 esebit a fil 27 tal-process hemm indikat taht is-sub titolu ‘Noti Ohra’ – ‘Allegatament gie aggredit minn diversi persuni b’oggetti iebsin’. Illi fi kliem Noel Theuma stess ‘*X’hin hirg barra naf li kienu qeghdin gew izjed, kienu qeghdin hames irgiel. Naf li hadt xi daqqiet go rais u waqajt mal-art.’* Mistoqsi mill-prosekuzjoni min tah id-daqqwa, Noel Theuma wiegeb *‘Minghand wiehed minnhom’* ghalkemm imbghad meta l-Prosekuzjoni rat li ma waslitx fejn riedet ghamlet mistoqsija dirett ghall-ahhar u staqsietu ‘Hu tak daqqiet igifieri ?’ u ovvjament ix-xhud wiegeb fl-affermattiv meta fit-twegiba precedenti ma kienx identifika lil hadd partikolari.

Illi apparti li m’hemm l-ebda prova li tindika li l-esponent kien wiehed minn dawn il-persuni, huwa jirrileva illi huwa ma kellu l-ebda oggett iebes fuqu dak il-lejl li bih seta` possibilment jikkawza l-feriti allegatament subiti fuq il-persuna ta’ Noel Theuma jew tal-familjari tieghu. Dak il-hin huwa kellu biss hruq kbir f’ ghajnejh segwita b’ agressjoni fuq il-persuna teighu. Illi di piu`, jekk ghal grazzja tal-argument kien hemm diversi persuni li aggredew lill-membri tal-familja Theuma, kif setghet l-ewwel Qorti tasal ghall-konvinciment morali illi kien propju l-esponent li kkaguna l-istess feriti ? Kif qatt setghet issib htija fl-esponent meta hareg bic-car illi kienet persuna ohra li kellha f’idejha hadida li possibilment safa` ferut biha Noel Theuma kienet harbet minn fqu il-post u baqghat qatt ma nstabet mill-Pulizija ? Fi kliem PC 591 Jean Andrea Grixti, il-persuna ‘*li kienet qed tigri lejn Triq it-Tankijiet ramiex xi hadida minn idjeha.‘* Ghalhekk huwa iktar minn ovvju li jekk semmai xi hadd kien ta’ b’xi oggett iebes kienet din il-persuna u mhux l-espoenent.

Illi dan kollu japplika wkoll fir-rigward tal-feriti subiti minn Maria Carmela Theuma u minn zewgha Carmel Theuma. Illi fil-kaz ta’ Carmel Theuma, l-Ewwel Qorit mhux talli ma kellhiex ikollha dubju, imma talli kellu jkollha c-certezza morali li am kienx l-esponent li kkagunalu l-feriti. Dan qieghed jigi sottomess ghaliex l-istess Carmel Theuma xehed ‘*Qed nigi mistoqsi jekk nagharafx il-persuna li tatni*

*d-daqqiet nghid li min tani d-daqqiet le'* Illi l-espoenent isiha ferm difficli biex jifhem kif l-Ewwel Onorabbli Qorti setghet qatt issib htija fih meta l-istess parte civile ma ndikatx lill-esponent bhala l-persuna li allegatament taha d-daqqiet.

2. Illi bla pregudizzju ghal dak appena sottomess, l-esponenti umilment jirrileva illi l-Ewwel Qorti ma seta` qatt kellha dak il-konvinciment morali rikjest fil-kamp penali biex setghet issib lill-esponent hat ital-ewwel hames akkuzi. Fil-fatt fis-senteza l-istess Qroti tirrileva dawn id-dubji taghha, pero nonostante dan, xorta hasset li ghandha ssib lill-esponent hati u tinfliggi l-piena indikata fl-istess sentenza. Illi minn qari tal-istess sentenza wiehed jista` jhoss is-sentiment tal-istess Qorti li ma kellhiex il-konvinciment morali 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, u kwindi fin-nuqqas ta' tali konvinciment kellha tillibera lill-imputat u mhux issibu hati.

Illi l-esponent ihoss li hu ferm ingust li minn vittma gie trattat bhala aggressor, meta fis-snin kollha li ilu hawn Malta huwa qatt ma kellu l-ebda tip ta' problemi ma hadd u dank if jirrizulta mill-fedina penali pprezentata mill-prosekuzjoni.

3. Illi finalment, l-esponent ihossu aggravat ukoll bil-fatt illi l-Ewwel Qorti ghogobha torbtu b'garanzija ghal sena that penali ta €2,000 I dan biex tipprovdi gha-sigurta ta' Noel Theuma, Carmela Theuma u Carmelo Theuma. Illi bla pregudizzju ghal dak li ntqal aktar il-fuq fejn ghandu jirrizulta illi l-esponent kien il-vittma u mhux l-aggressur, jirrizulta illi l-uniku garanzija li ntalbet mill-prosekuzjoni kienet fil-konfront ta' Noel Theuma. Illi kwindi l-Ewwel Qorti kienet zbaljata meta obligat lill-esponent b'obbligazzjonmi anke fil-konfront ta' Maria Carmela Theuma u Carmelo Theuma stante li din ma kinitx mitluba fl-akkuza. Kwindi fl-aghar ipotezi, li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellat jew xi parti minnha, hija ghandha tirrevoka l-ordni ta' garanzija fil-konfront ta' Maria Carmela Theuma u ta' Carmelo Theuma u anke tirrevedi l-penali imposta u t-terminu tal-istess garanzija.

Ikkunsidrat.

Irrizulta fil-provi illi fl-14 ta' Frar 2010, l-appellant u l-partner tieghu rritornaw Birzebbuga u marru sabiex jidhlu fil-bar bl-isem ta' Casablanca Bar & Restaurant. Hekk kif kien diehel l-appellant Noel Theuma illi kien qieghed barra jnaddaf xi mwejjed, waqqfu ghaliex qal li kien hemm "private function". Ma Noel kien hemm ukoll ommu Maria Carmela Theuma li wkoll kienet qed tizbarazza l-imwejjed ta' barra flimkien ma binha. Jidher li l-appellant ma qaghadx ghal din l-ispjegazzjoni ta' Noel Theuma u nsista biex jidhol u anke pprova jimbotta lil Noel Theuma. Meta ra hekk, Theuma qabad "sanitising spray" illi kellu f'idejh illi juza biex inaddaf l-imwejjed u sprenjah fid-direzzjoni ta' l-appellant. Malli gara hekk, l-appellant qasam it-triq fejn kien hemm shabu u bdew jghaddu kummenti dispregjattivi fil-konfront ta' Maria Carmela Theuma. Kien hawnhekk illi Noel Theuma qasam it-triq u resaq fuq l-appellant u shabu u gew fl-idejn. Maria Carmela Thema ghajtet lil zewgha Carmel illi dak il-hin kien fil-kcina li qabad lembuba u hareg barra u hu wkoll spicca fi glieda fejn Maria Carmela Theuma spiccat b'xi feriti hfief. F'xi hin hekk kif donnu l-glieda kienet qed tisfaxxa xi hadd li ma kienx l-appellant, beda jaghti fuq il-hgieg tal-hanut li nkiser, kien propju dak il-hin li waslu l-pulizija fuq il-post. F'dan l-incident Noel Theuma sofra griehi li rrizultaw li huma ta' natura gravi ai termini ta' l-Artiklu 216 (1) (b), filwaqt illi Carmel Theuma u Maria Carmela Theuma sofrew griehi ta' natura hafifa.

B'Sentenza moghtija fis-7 ta' Novembru, 2011 il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, pero' bl-applikazzjoni ta' l-Artiklu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta lliberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn. In oltre applikat l-Artiklu 383 tal-Kap. 9 fil-konfront ta' Noel Theuma, Maria Carmela Theuma u Carmel Theuma. L-appellant hassu agravat minn din is-Sentenza u appella principalment ghal fatt li rrizulta hafna konflitt fil-provi illi mhux bilfors kellhom iwasslu, minghar dubju dettat mir-raguni, ghal htija ta' l-appellant u kkwota in sosten paragrafu mis-Sentenza tal-Magistrat fejn rilevat illi hemm konflitti evidenti fil-verzjonijiet moghtija mix-xhieda tal-prosekuzzjoni kif kontrastati mal-verzjonijiet moghtija mill-imputat u x-xhieda tieghu. Illi kien hemm ukoll xi

divergenzi f'dak illi jghidu uhud mix-xhieda mresqa mill-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat.

Jibda biex jinghad illi f'cirkostanzi simili fejn ikun hemm hafna nies involuti fi glieda wiehed jistenna li jkun hemm certa konflitt fil-provi peress illi kullhadd jigbed ghan-naha tieghu u jipprova jitfa' dell ikrah l-operat tal-parti l-ohra. Ghalhekk f'dan il-kaz ghandna zewg taqsimiet, dik tan-naha ta' l-appellant u dik tan-naha tal-parti lesa. Peress illi l-avvenimenti jsiru fi zmien qasir u malajr hu mistenni wkoll li anki fl-istess kamp ikun hemm xi divergenzi fix-xhieda moghtija. Ghalhekk il-Qorti trid toqghod ferm attenta meta taghti l-gudizzju taghha u ma toqghodx biss fuq dak li jinghad izda ghandha tara wkoll il-kompartament u cirkostanzi ohra partikulari tal-kaz.

Fil-fatt fil-kawza Il-Pulizija vs Joseph Thorn deciza mill-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju, 2003 il-Qorti qalet, ". . . *mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa l-provi skont il-kriterji annuncjati fl-Artiklu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzjoni dwar li min trid temmen u fiex ser temmen jew ma temminx*" (ara wkoll Repubblika ta' Malta vs Dennis Pandolfino et 19 ta' Ottubru, 2006) u dan huwa propju l-ezercizzju illi kellha taghmel l-ewwel Qorti sabiex tasal ghall-konkluzjoni taghha. Din il-Qorti ssibha difficli sabiex tiddisturba din il-konkluzjoni, kif qal Lord Chief Justice Widgery (R vs Cooper 1969) *". . . assuming there was no specific error in the conduct of the trial, an Appeal Court would be very reluctant to interfere with the Juries verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) because the Jury will have had the advantage of seeing and hearing the witness where as the Appeal's Court will normally determines the appeal on the basis of papers alone.*" Il-kompitu ta' din il-Qorti ghalhekk huwa li jezamina l-provi prodotti u tara jekk l-ewwel Qorti setghetx liberament u legalment tasal ghall-konkluzjni illi waslet ghaliha. Kif intqal fil-kawza Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt Appell Kriminali l-1 ta' Dicembru, 1994, "*Fi kliem*

*iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun ibbazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti u f'dan il-kaz, tara jekk, anke jekk ikun hemmverzjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u seneramentt tigi emmnuta minghar ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk it-tali verzjoni setghetx tigi emmnuta u evidentament giet emmnuta . . . .il-funzjoni anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrixpetta dik id-deskrizzjoni u dak l-apprezzament."*

Irrizulta wkoll illi l-argumenti li gabet id-difiza gew imresqa quddiem l-ewwel Qorti, tirrileva pero' illi quddiem il-Qorti ta' l-Appell id-difiza argumentat illi Noel Theuma uza l-"pepper spray" fil-konfront ta' l-appellant u staqsiet kif kien possibli illi persuna li jkollha din il-kimika ma wiccha tista taghmel dik il-hsara illi tieghu gie addebitat. Irrizulta pero' illi ma kienx "pepper spray" illi gie sprejat f'wicc l-appellant izda is-"sanitising spray" illi kien qieghed juza Noel Grima dak il-hin biex inaddaf l-imwejjed li kienu fuq barra, terga dan l-ispray gie sprejat fid-direzzjoni ta' l-appellant u mhux direttament f'wiccu. Quindi din il-Qorti tifhem li t-tali mossa zgur ma kienx ser ikollha l-ebda effett fuq l-operat fiziku ta' l-appellant u l-ewwel Qorti ghamelt sew illi ma tatx hafna mportanza lil dan l-ispray illi uza Noel Theuma.

Ghalhekk kollox jiddependi mill-assjen tal-provi u mil-evalwazzjoni tal-fatti li ghamel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha tkun perfettament raggungibli bl-uzu tal-logika u l-buon sens u bbazata fuq il-fatti ma jespitax lill din il-Qorti li tissotitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzjoni possibli (Il-Pulizija vs Brian Caruana 23 ta' Mejju, 2002 Appell Kriminali). Din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet ragonevalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz li tiddisturba dik id-deskrizzjoni u konkluzjoni.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------